MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2013

Numru 9/2013

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**
**Allan Galea ta' 33 sena, iben Carmelo u Rita nee` Mallia, imwieled Melbourne, fil-15 ta' Settembru 1978 u residenti Helcarm, Numru 10, Triq ix-Xini, Marsaxlokk, karta tal-identita` numru 369094M**

**Sentenza dwar eċċezzjonijiet preliminari**

Il-Qorti

Rat l-Att tal-Akkuża Numru 9/2013 li biha l-akkuzat Allan Galea gie akkuzat talli

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Frar tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta tas-sitta u nofs ta' filgħaxija (6:30pm),

il-Pulizija tad-Dipartiment tal-Invetigazzjonijiet Kriminali (CID) ġew infurmati mill-Pulizija tad-Distrett ta’ Marsaxlokk illi kien għadu kif seħħ omiċidju permezz ta’ *stabbing* fil-viċinanzi tal-Każin Nazzjonalista ġewwa l-istess lokalita’ u li l-vittma ta’ dan l-omiċidju kien Anthony Borg magħruf bħala l-Bona. Kien hemm diversi persuni li ġew mitkellma fuq il-post u li kkonfermaw li dan l-omiċidju kien riżultat ta’ aggressjoni bi strument li jaqta jew bil-ponta kommessa minn Allan Galea qua l-akkużat f’dawn il-proċeduri fil-konfront tad-defunt Borg.

Illi mill-investigazzjoni u mill-fatti jirriżulta li, l-vittma Anthony Borg niżel jiekol u jixrob fil-każin tan-Nazzjonalisti ġewwa Marsaxlokk fejn kien fil-kumpanija tal-familja u tat-tfajla tiegħu. Għall-ħabta tas-sitta ta’ filgħaxija (6:00pm) d-defunt Borg instema jiġġieled barra mill-każin fejn meta’ xi uħud mill-familjari tiegħu marru jaraw x’kien qed jiġri l-akkużat Galea intelmaħ fuq il-post u kien qed jipprovoka lill-vittma għall-ġlied filwaqt li kien qed ixxejjirlu sikkina li kellu fil-pussess tiegħu f’dak il-mument. Jidher ukoll li rinfaċċjat b’din is-sitwazzjoni l-vittma kien ġab arma tan-nar mill-vettura tiegħu fejn kien spara żewġ tiri fl-ajru sabiex ibeżża lill-aggressur qua l-akkużat u filfatt jidher li hu kien rema din l-arma ġaladarba spara dawn it-tiri. Madakollu dan ma sewa għal xejn peress illi l-akkużat, dolożament, bil-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja f’periklu ċar, beda jagħti diversi daqqiet ta’ sikkina lil Anthony Borg aka l-Bona u dan anki wara li l-akkużat kien immobilizza lill-vittma fil-kors ta’ din l-aggressjoni. Filfatt jiriżulta kemm mix-xhieda okulari li kienu fuq il-post kif ukoll mill-awtopsja li saret wara fuq il-kadavru illi d-defunt Borg qua il-vittma ssubixxa diversi daqqiet ta’ strument li jaqta jew bil-ponta f’partijiet differenti ta’ ġismu, fosthom daqqa fuq in-naħa tax-xellug ta’ sidru li rriżultat bħala dik li kkaġunatlu l-mewt. Sfortunatament, irriżulta li l-vittma miet fuq il-post ftit tal-ħin wara kaġun ta’ din l-aggressjoni vjolenti konsistenti minn dawn id-daqqiet f’partijiet vitali ta’ ġisem il-vittma li ġew inflitti fuqu permezz ta’ sikkina li effettivament instabet fuq ix-xena tad-dellitt fil-viċinanzi tad-defunt, u dolozament mill-akkużat Allan Galea bl-intenzjoni li joqtol jew li jipperikola l-ħajja ta’ Anthony Borg. Filfatt il-vittma Anthony Borg ġie ċċertifikat mejjet hdejn il-

każin tan-Nazzjonalisti tal-Marsaxlokk mill-paramediċi li ssokkorewħ biex ituħ l-assistenza meħtieġa iżda li kienet inutli fiċ-ċirkostanzi li rriżultaw.

Illi l-akkużat Allan Galea ġie arrestat ftit tal-ħin wara fl-inħawi tal-istess Każin wara li ħarab minn fuq il-post sussegwentement għall-eżekuzzjoni ta' dan l-omiċidju doluz fejn meta mitkellem mill-pulizija ammetta li hu mar armat fuq il-post tad-dellitt speċifikatament sabiex jaffaċja lill-vittma Borg b'intenzjoni doluża ta' qtil u dan wara li kien hemm skambju ta' telefonati bejniethom dakinhar stess ftit tal-ħin qabel ma seħħet l-aggressjoni mertu ta' dan il-każ kif ukoll wara xi tilwim li kien inqala bejniethom f'okkazzjonijiet precedent għal dan id-delitt.

Illi b'għemilu l-imsemmi Allan Galea sar ħati ta' omiċidju volontarju u ċioe' talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna (Anthony Borg) jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġunalha l-mewt.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi Allan Galea, ħati ta' omiċidju volontarju u ċioe' talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġunalha l-mewt; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 211(1)(2), 23, 23A u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fl-istess żmien u fiċ-ċirkostanżi msemmija fl-ewwel kap ta' din l-Att tal-Akkuża, u ċioe' fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Frar tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta tas-sitta u nofs ta' filgħaxija (6:30pm) u ftit tal-ħin qabel ġewwa l-Marsaxlokk, jirriżulta li l-akkużat Allan Galea, kellu strument li jaqta jew bil-ponta senjatament sikkina fil-pussess tiegħu u dan waqt li dolożament, bil-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Anthony Borg f'periklu ċar, aggredih fiċ-ċirkostanżi msemmija fil-kap preċedenti fejn

effettivament ikkaġuna l-mewt ta' l-istess Anthony Borg. Fil-mument ta' dan id-delitti, l-akkużat kellu fuq il-persuna tiegħu din is-sikkina meqjusa bħala arma regolari ai fini tal-liġi tagħna, u liema arma ġiet effettivament użata fil-kommissjoni ta' l-imsemmi delitt t'omiċidju volontarju kontra l-persuna ta' Anthony Borg. Filfatt l-akkużat kien ġab din l-arma mir-residenza tiegħu fil-Marsaxlokk u ġarra fuqu fi triqtu sakemm wasal fuq il-post fejn seħħ dan ir-reat kontra l-persuna ta' Anthony Borg b'intenzjoni doluza ta' qtil fil-konfront tiegħu permezz tal-użu ta' din l-arma, u liema arma sussegwentement instabet fuq il-post tad-delitt fil-viċinanzi tal-istess vittma.

Illi b'għemilu l-imsemmi Allan Galea sar ħati talli, fil-waqt li jkun qed jagħmel reat kontra l-persuna u/jew fil-waqt li qed jiġi arrestat għal delitt, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti, u dan mingħajr għan leġittimu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi Allan Galea, ħati talli, fil-waqt li jkun qed jagħmel reat kontra l-persuna u/jew fil-waqt li qed jiġi arrestat għal delitt, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti, u dan mingħajr għan leġittimu; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn erba' snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 55(a)(b) ta' L-Att dwar l-Armi (Kap 480) u l-artikoli 23, 23A, 64(1) u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fiż-żmien u fiċ-ċirkostanżi msemmija fil-kapi preċedenti ta' din l-att ta' akkuża, u ċioe` nhar il-wieħed u għoxrin (21) jum ta' Frar tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta tas-sitta u nofs ta' filgħaxija (6:30pm) u ftit tal-ħin qabel ġewwa l-Marsaxlokk, l-akkużat Allan Galea, kellu f'idejħ sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta mingħajr ma' kien debitament liċenżjat mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Huwa filfatt ġar l-arma fuq il-persuna tiegħu u għamel użu xjenti u maħsub minn din is-sikkina permezz ta' liema kkaġuna diversi ġrieħi gravi fuq il-vittma Anthony Borg li kienu ġrieħi fatali għall-vittma imsemmi. Dan ukoll jindika li l-ġarr barra minn fond jew ditorni tiegħu ta' din is-sikkina ma kinitx intenzjonata sabiex taqdi l-funzjonijiet tagħha iżda bl-iskop li tintuza bħala arma kontra l-persuna ta' Anthony Borg kif filfatt irriżulta.

Illi b'għemilu l-imsemmi Allan Galea sar ħati talli, ġarr barra minn fond jew dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr liċenzja jew permezz mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi Allan Galea ħati talli, ġarr barra minn fond jew dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr liċenzja jew permezz mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija; talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' multa ta' mija u sittax–il Euro u sebgħa u erbgħin ċentenżmu (€116.47) skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 6 u 51(7) tal-Att dwar l-Armi (Kap 480), u l-artikoli 23, 23A, 30, 64(1) u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Difensur u tal-abbli Prosekutur

Ikkonsidrat

**L-Ewwel Eċċezzjoni – Nullita' tat-Tieni Kap in kwantu l-arma ma tinkwadrax fl-artikolu 55 tal-Kap 480**

Hemm qbil bejn Prosekuzzjoni u d-Difiża li l-arma in kwistjoni hija **sikkina tal-kċina.**

Il-kwsitjoni ewlenija hija jekk 'sikkina tal-kċina' hijiex arma regolari.

Fit-trattazzjoni saret referenza għall-artikolu 64 tal-Kap 9 li jgħid dan li ġej:

**64.** (1) Huma armi regulari l-armi kollha tan-nar, u l-armi, strumenti u l-għodod l-oħra kollha li għandhom bħala skop prinċipali d-difiża ta' wieħed innifsu jew l-offiża ta' ħaddieħor.

(2) L-armi, strumenti u għodod oħra kollha ma jitqisux bħala armi, ħlief meta fil-fatt jiġu wżati għall-offiża jew għad-difiża, u f'dan il-każ jissejħu armi irregulari.

Minn eżami ta' dan l-artikolu il-kelma 'sikkina' ma tistax tiqies bħala arma regolari għaliex iss-ikkina mhix arma tan-nar u lanqas ma hija strument li l-għan ewlieni tagħha hu d-difiża jew għall-offiża ta' ħaddieħor. L-għan ewelini tagħha huwa li tqatta' l-laħam, il-basal, u l-patata.

Ġaladarba l-Avukat Ġenerali irrefera gaħl xi arma regolari jew munizzjoni fit-tieni u fit-tielet paragrafu tat-tieni Kap, jinħtieġ li jkun eżaminat l-artikolu 55 tal-Kap 480 biex ikun stabbilit jekk s-sikkina tal-kċina allegatament użata taqax taħt dan l-artikolu. Dan la-rtikolu jiddisponi hekk:

'Pussess ta' armi
tan-nar waqt l-għemil
ta' xi reat.
Kap. 9.
**55.** Salv kull disposizzjoni oħra fil-Kodiċi Kriminali kif tapplika għaż-żamma, ġarr, użu, akkwist jew pussess ta' **armi tan-nar,**
kull min -

(*a*) fil-waqt li jkun qed jagħmel reat kontra s-sigurtà tal-gvern jew kontra l-persuna (minbarra omiċidju involontarju jew offiża involontarja fuq il-persuna) jew ta' serq jew ħsara fil-proprjetà (minbarra ħsara involontarja fil-proprjetà); jew

(*b*) fil-waqt li jkun qed jiġi arrestat għal delitt, ikollu fuq il-persuna tiegħu xi **arma regolari jew munizzjon** jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti, ikun ħati ta' reat u jista', meta jinsab ħati, jeħel il-piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn erba' snin, kemm-il darba ma jgibx prova xort'oħra li kien qed iġorr l-arma tan-nar jew l-arma regolari bi skop leġittimu.

L-istess Kap 480 jiddefinixxi arma tan-nar kif ġej:

'arma tan-nar" tinkludi arma tan-nar tkun ta' liema għamla tkun u kull tip ieħor ta' pistola, azzarin jew kanun li minnha jista' jiġi sparat xi tir, balla jew missili, u l-kanna, il-kulatta u *receiver* tagħhom;

"arma tan-nar awtomatika" tfisser arma tan-nar li terġa' tikkarga awtomatikament kull darba li jiġi sparat skartoċċ jew balla u li tista' tispara aktar minn tir wieħed meta l-grillu jinġibed darba
waħda biss;

"arma tan-nar b'ripetitur" tfisser arma tan-nar li wara li jkun sparat tir minnha tkun hekk iddisinjata biex terġa' tikkarga minn magazzin jew ċilindru billi ssir azzjoni kaġunata minn ċaqliq ta'l-id;

"arma tan-nar li ma tiffunzjonax" tfisser arma tan-nar li tkun intgħamlet permanentement mhux tajba biex tintuża u li tkun ġiet ċertifikata bħala tali mill-Kummissarju kif stipulat f'dan l-Att;

"arma tan-nar qasira" tfisser arma tan-nar b'kanna li ma tkunx aktar minn tletin ċentimetru twila jew li jkollha tul li b'kollox ma jgibx aktar minn sittin ċentimetru;

"arma tan-nar semi-awtomatika" tfisser arma tan-nar li terġa' tikkarga awtomatikament kull meta jispara tir u li tista' tispara biss tir wieħed meta jinġibed il-grillu għal darba;

"arma tan-nar ta' sparatura waħda" tfisser arma tan-nar li ma jkollhiex magazzin u li tiġi kkargata qabel kull

sparatura billi jiġi ikkargat bl-idejn skartoċċ jew balla fir-rukkell jew mill-kulatta fuq
wara tal-kanna;

"arma tan-nar twila" tfisser arma tan-nar li jkollha kanna twila aktar minn tletin ċentimetru jew li jkollha tul li b’kollox ma jġibx aktar minn sittin ċentimetru;

**<u>Kap. 9.</u>**

**<u>"armi regolari" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 64 tal-Kodiċi Kriminali u għandha tinkludi arma tan-nar kif imfissra f’dan l-artikolu;</u>**

Kif jidher mill-artikolu 55 tal-Kap 480, dan jitkellem speċifikatament dwar l-armi tan-nar jew armi regolari jew munizzjoni. ‘Is-sikkina tal-kċina’ la hija arma tan-nar, la munizzjon u lanqas arma regolari ai termini tal-artikolu 64 tal-Kap 9.

Fil-fatt il-Kap 480 huwa prattikament iddedikat għall-armi tan-nar għaleix din l-espressjoni tinsab imxerrda prattikament mal-Att kollu.

L-Att jirreferi għas-skieken fl-artikoli 6 u 7 kif jidher mir-referenza segwenti:
Liċenzja għall-ġarr ta’ skieken.
**6.** Salvi d-disposizzjonijiet tal-artikolu 8 ħadd ma għandu jġorr ’il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta’ jew bil-ponta ta’ liema xorta jkun mingħajr ma jkollu liċenza jew permess mingħand il-Kummissarju.

Eżenzjonijiet
għall-artikolu 7.

**7.** Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 6 ma jgħoddux għal:

(*a*) mus li jkollu xafra li toħroġ mhux aktar minn tmien ċentimetri mill-maqbad u li jista’ raġonevolment
jitqies li jkun qed jinġarr bil-għan li jsir dak l-użu minnu bħal dak li soltu jsir minn mus;

(*b*) sikkina li tintuża minn xi persuna bil-għan tat-twettiq tas-sengħa jew għall-fini tal-istudji tagħha, jew għal għanijiet ta' għads meta, wara li tqis il-ħin, il-post u ċirkostanzi oħra, il-qorti tkun sodisfatta li dik is-sikkina kienet qiegħda attwalment tinġarr għal dawk il-finijiet.

Minn dak li ntqal aktar 'il fuq, ġaladarba s-sikkina la hija arma tan-nar, la arma regolari u lanqas munizzjon, attikoli 55(a)(b) tal-Kap 480 u l-artikolu 64(1) tal-kap 9 ma japplikawx.

Li jista' japplika biss huwa xi dispożizzjoni li għandha x'taqsam mal-ġarr tas-skieken u mal-eċċezzjonijiet hemmhekk ikkontemplati.

Għalhekk waqt li l-Qorti mhix qed tilqa' t-talba tal-akkużat sabiex it-Tieni Kap ikun ddikjarat null, qed tiddikjara li isiru dawn it-tibdiliet fit-Tieni Kap:

(i) mill-ewwel paragrafu għandhom ikunu kkanċellati l-kliem 'meqjusa bħala arma regolari ai fini tal-liġi tagħna……………fuq il-persuna tad-delitt fil-viċinanzi tal-istess vittma'

(ii) mit-tieni paragrafu: dan irid jinbidel kollu biex jirrifletti dak li hemm fl-artikolu 6 tal-Kap 480;

(iii) It-tielet paragrafu jrid jinbidel kollu biex il-pożizzjoni legali mfissra aktar 'il fuq tkun riflessa f'dan l-aħħar paragrafu tat-Tieni Kap.

**Iżda minflok ikun aktar prattiku li jitneħħa t-tieni kap tal-akkuża għal kollox u jibqa' t-tielet kap biss (li jsir it-Tieni Kap). Inkella ser ikun żewġ kapi li huma l-istess. Il-Qorti qed tiddeċiedi li għandu jibqa' JEW il-Kap Tnejn (preżenti) bl-emendi JEW inkella jibqa' t-Tielet Kap isir it-Tieni Kap. Imma bl-ebda mod m'għandhom it-Tieni u t-Tielet Kap ikunu identiċi.**

**It-tieni Eċċezzjoni: Inammissibilita' ta' domanda u risposta fl-istqarrija.**

Il-qofol ta' din l-eċċezzjoni huwa li, waqt l-investigazzjoni, il-Pulizija m'għandhiex tagħmel inferenzi. Dawn huma regolati fl-artikolu 355AU tal-Kap 9:

(1) Meta fi proċeduri kontra xi persuna għal xi reat, tingħata xhieda li l-akkużat –

(a) f'kull waqt qabel ma jkun ġie akkużat bir-reat, meta jkun qed jiġi interrogat mill-Pulizija li jkunu qed jippruvaw jixkfu jekk ir-reat ikunx sar u min ikun għamlu, jkun naqas milli jsemmi xi fatt li huwa jserraħ fuqu fid-difiża tiegħu f'dawk il-proċeduri; jew

(b) meta jkun qed jiġi akkużat bir-reat jew ikun qed jiġi uffiċjalment mgħarraf li jista' jiġi mħarrek dwaru, jkun naqas milli jsemmi dan il-fatt,

li jkun fatt li fiċ-ċirkostanzi li jkunu jeżistu f'dak il-waqt l-imputata seta' raġonevolment jkun mistenni li jsemi meta jkun ġie hekk interrogat, akkużat jew mgħarraf, skont il-każ, għandu japplika is-sabrtikolu (2) jekk jintera li l-imputat kine irċieva parir legali qabel ma jkun ġie interrogat, akkużat jew mgħarraf kif hawn aktar qabel imsemmi.

(2) Meta dan is-subartikolu jkun japplika –

(a) Qorti tal-Maġsitrati bħala Qorti istruttorja li tkunq ed tagħmel deċiżjoni taħt la-rtikolu 401(2),
(b) il-qorti jew il-ġuri, meta jkunu qed jiddiċiedu jekk persuna akkużata jew imputata tkunx ħatja tar-reat li bih tkun ġiet akkużata,

Tista' tagħmel dawk l-inferenzi minn dan in-nuqqas bħalma jidhru xierqa, liema inferenzi ma jistgħux jitqiesu waħidihom bħala prova ta' ħtija iżda jistgħu jitqiesu bħala li jammontaw għal korroborazzjoni ta' kull xhieda ta' ħtija tal-persuna akkużata jew imputata.'

Is-sottomissjoni ewlenija tad-difiża hija li l-inferenzi hemm ħin ieħor għalihom u mhux waqt l-interrogazzjoni.

Id-difiża qed tqis din bħala 'inferenza'. Il-Qorti aktar tikklassifika dawn il-kummenti li jidhru fit-tieni eċċezzjoni bħala kuntrast bejn dak li kein qed jgħid fl-istqarrija l-akkużat u x'kien qal lill-Pulizija qabel ma dawn ħadu l-istqarrija bil-miktub u wara li kien ikkonsulta avukat.

M'hemm ebda dubju li skont l-artikolu 658 tal-Kap 9:

'Kull ħaġa li imputat jew akkużat jistqarr, sew bil-miktub kemm bil-fomm, tista' tittieħed bi prova kontra min ikun stqarrha.'

Iżda l-Qorti qed tagħmel differenza bejn li xhud jitla' jixhed (kemm jekk fil-korp tal-Pulizija u kemm jekk le) u jgħid x'qal l-akkużat jew imputat u referenzi rekordjati għal xi komunikazzjoni bejn l-akkużat u l-avukat tiegħu.

Matul l-istqarrija l-uffiċjal li jkun qed jinterroga lis-suspettat għandu joqħgod lura kemm jista' jkun milli ssir xi referenza għal xi telefonata jew konverżazzjoni li ssir bejn l-avukat u s-suspettat ħlief jekk is-suspettat iqajjem xi kwistjoni li hu ma ngħatax aċċess għall-avukat jew għal xi raġuni oħra straordinarja. Imma m'għandux ikun hemm referenzi għal xi kuntrasti bejn dak li ntqal mill-akkużat jew imputat qabel ma dan kellem lill-avukat u wara.

Għalhekk qed tilqa' din i-tieni eċċezzjoni limitatament għall-bran li rrefera għalih l-akkużat u qed tordna li l-kliem minn 'Sp: Pero'……..qas naf x'qalli' ma jidhirx fl-istqarrija li tingħata lill-ġurati.

Id-difiża talbet ukoll li' titneħħa kwalsiasi referenza oħra fl-istqarrija.'

Lill-Qorti ma kienet indikata speċifikament l-ebda referenza oħra min-nħaa tad-difiża. Fl-assenza ta' indikazzjoni ċara, din il-parti tal-eċċezzjoni mhix qed tintlaqa'.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------